MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2010

Talba Numru. 374/2010

**GO plc – C22334**

**vs**

**Darren Attard – ID-562674M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-2 ta' Marzu tas-sena 2010 fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tliet mija u disa' ewro u tlieta u tletin centezmu (€309.33) rapprezentanti bilanc li ghadu dovut in konnessjoni mas-servizz tat-*telephone* bin-numru 21658787 kif jirrizulta minn dokument anness u mmarkat Dok "A", bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra li l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqa ma pprezentat l-ebda risposta ghal kontestazzjoni ghat-talba attrici. Innota wkoll illi l-konvenut baqa' ma deherx

*nonostante* li gie msejjah diversi drabi. Gie ezaminat ukoll id-dokument esebiti u mmarkat bhala Dok “A”. Sema’ ix-xhieda tal-PL Noel Scerri li permezz taghha bil-gurament tieghu huwa kkonferma illi l-ammont mitlub kien ghadu dovut sal-gurnata tallum.

*In vista* tal-premess ghalhekk u anke *in vista* ta’ nuqqas ta’ oppozizzjoni jew kontestazzjoni t-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa’ it-talba attrici, konsegwentement jikkundanna lill-konvenut Darren Attard sabiex ihallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta’ tliet mija u disa’ ewro u tlieta u tletin centezmu (€309.33) bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta’ l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta’ din l-istanza a karigu ta’ l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------